- *Preskrizzjoni akkwiżittiva ta' 10 snin –*
- *Bona fidi – dubju -*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 22 ta' Frar 2022

## Rikors Nru. 1200/2019 GM

**Anne Cachia (ID 322753M),**

**Monica Depasquale (ID 235150M),**

**Louise Calleja (ID 725556M),**

**Gillian Vella (ID 185148M),**

**Olga Mifsud (ID 1052145M),**

**Marie Josette Grech Ellul (ID 0581639M),**

**Maria Berta Caruana Dingli (ID 686336M)**

**Rosanne Micallef ID 102276M bhala mandatarja tal-assenti Lucia sive Ella Percival Maxwell**

**Nutar Joseph Saydon ID 377746M bhala mandatarju tal-assenti Stefan Giehel u tal-assenti Alfred Grech Ellul**

**Louise Calleja ID 725556(M), bhala mandatarja tal-assenti Anne-Louise Keeley u Elisabeth Le Vierge**

**vs**

**Francis sive Frank Sammut u martu Frances Mary Sammut ;**

**Direttur Uffiċċju Kongunt għal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi wara li ppremettew illi :

1. Huma proprjetarji taż-**żewġ terzi** indiviżi ta' art denominata Ta' Sardegna fil-kontrada Tas-Silġ limiti ta' Marsaxlokk ġia fil-limiti taż-Żejtun libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha ta' kejl superfiċjali ta' ċirca żewġt itmiem żewġ siegħan u żewġ kejliet u kienet tikkonfina mit-tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Giorgina Adami u Fortunata Azzopardi, mill-punent ma' beni ta' Antonio Desira u min-nofsinhar mat-triq li minn Marsaxlokk twassal għat-triq taż-Żejtun/Delimara.

2. Tali art akkwistawha permezz tal-wirt ta' Dottor Louis Galea u martu Ineż Galea li kienu akkwistaw l-art permezz ta' kuntratt tat-30 ta' Diċembru 1954 atti Nutar Joseph Gatt kopja annessa u markata **Dok AC (i).**

3. Wirtu żewġ terzi indiviżi tal-istess art filwaqt li t-terz indiviż l-ieħor jappartjeni llum lid-Direttur Uffiċċju Konġunt stante li kien tħalla bħala wirt lis-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl ir-Rabat Malta.

4. Il-konvenut Frank Sammut qed jikkontendi li parti minn din l-art saret tiegħu bil-preskrizzjoni u anke għaddha lil uliedu b'titolu donazzjoni permezz ta' kuntratt tad-19 ta' Novembru 2003 atti Nutar Dottor Angela Borg illum miżżewġa Bezzina terz (1/3) indiviż kull wieħed l-għalqa imsejħa "Ta' Sardinja' b'faċċata fuq Tas-Silġ Road Marsaxlokk tal-kejl superfiċjali ta' ċirca elfejn tliet mija u ħamsin metru kwadru (2350 metri kwadri) u f'liema kuntratt Frank Sammut niżżel li

tali art ġiet għandu bil-preskwizzjoni akwiżittiva ta' tletin (30) sena (**Dok AC (ii).**

5. Tali kuntratt qed jiġi impunjat mill-atturi fil-Kawża nru 1173/2018 MH fl-ismijiet Cachia Anne et vs Sammut Jonathan et liema kawża għadha pendenti.

6. Fit-28 ta' Ġunju 1988 atti Nutar Tonio Spiteri l-konvenut Frank sive Francis Sammut akwista mingħand terzi porzjon ta' art fabbrikabbli li tinsab f'Tas-Silġ Road Marsaxlokk tal-kejl superfiċjali ta' ċirca mija u tletin metri kwadri (130.m.k.) il-parti fabbrikabbli u tlieta u tletin punt erbgħa ħamsa metri kwadri (33.45m.k.) il-parti stradali, liema porzjon l-atturi jikkontendu li hija proprjeta` esklussiva tagħhom kwantu għal żewġ terzi (2/3) u tad-Direttur Uffiċċju Konġunt kwantu għat-terz (1/3) l-ieħor. (**Dok AC (iii)** )

7. Minn l-imsemmi kuntratt tat-28 ta' Ġunju 1988 atti Nutar Tonio Spiteri, l-vendituri kienu taw il-prokura lil min deher għan-nom tagħhom fil-kuntratt sabiex jidher limitatament għar-rigward biċċa art li tinsab" L-għolfier kuntrada ta' Lombardi" mingħajr ma ssemmi l-lokalita` filwaqt li l-bejgħ sar ta' proprjeta` f'Tas-Silġ Road Marsaxlokk.

8. L-art ġiet akwistata mill-atturi u mid-Direttur Uffiċċju Konġunt kif ġej:

   Dottor Louis Galea u martu Ineż Galea akwistaw din l-art permezz ta' kuntratt tat-13 ta' Diċembru 1954 atti Nutar Joseph Gatt

   Il-partijiet kienu miżżewġin meta inxtrat l-art.

   Dottor Louis Galea kien miżżewweġ lil Ineż Galea nee` Pace u ma kellhomx tfal minn dan iż-żwieġ.

   Louis Galea miet fil-5 ta' Settembru 1973 filwaqt li martu Ineż Galea nee` Pace mietet fis-6 ta' Jannar 1976.

Mir-riċerki testamentarji tagħhom jirriżulta li :

Testment 15 ta' Frar 1968 atti Nutar Paul Pullicino l-konjuġi Galea kienu ħallew lil xulxin werrieta ta' xulxin u fl-artikolu 28 huma taw il-fakolta` li jibdlu jew jirrevokaw it-testment.

Testment 4 ta' Settembru 1969 atti Nutar Paul Pullicino Ineż Galea ħalliet werrieta tagħha lil oħtha Mary Anastasi Pace kwantu għal terz indiviż, oħtha Stella Le Vierge terz indiviż ieħor, u terz indiviż lil Mary armla ta' Chevalier Oscar Grech Ellul u lil Anthony Abdilla tfal tal-mejta Alfredo u Giusa Abdilla bid-dritt ta' akkrexximent u sostituzzjoni bejniethom.

Testment tal-10 ta' Mejju 1974 atti Nutar Paul Pullicino Ineż Galea ħalliet bħala werrieta tagħha kwantu għal 1/9 kull wieħed lil Mary Grech Ellul, May Xuereb, Margaret magħrufa bħala Maggie Curmi, Thomas Anastasi Pace, Tessa Farrugia, Thomas Le Vierge, Father Peter Le Vierge, Celine Le Vierge u Olda Le Vierge bi dritt ta' akkrexximent u rappreżentanza bejniethom.

L-art ġiet denunzjata kollha fid-denunzja ta' Ineż Galea.

<u>Il-werrieta ta' Ineż Galea llum huma dawn li ġej:</u>

<u>(i) Mary Grech Ellul</u> – ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji u skont testment tal-11 ta' April 1968 atti Nutar Emanuele Agius hija ħalliet werrieta tagħha liż-żewġ uliedha Marie Josette Grech Ellul u Alfred Grech Ellul li għadhom ħajjin.

<u>(ii) May Xuereb</u> – ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji u testment 5 ta' April 1968 atti Nutar Francis Micallef, hija ħalliet liż-żewġ uliedha Olga u Peter, aħwa Xuereb eredi universali.

(iia) Peter Xuereb – ċertifikat tal-mewt, u ħalla lil Myriam Torbitzky bħala werrieta tiegħu.

(iib) Myriam Torbitzky għadha kif mietet u żewġha Stefan Giehel huwa l-werriet universali tagħha.

Olga Xuereb għadha ħajja.

(iii) Margaret magħrufa bħala Maggie Curmi – mietet u skont testment tal-24 ta' Mejju 1993 atti Nutar Gerard Spiteri Maempel tal-24 ta' Mejju 1993 hija ħalliet liż-żewġ uliedha Luċia Ella magħrufa bħala Ella mart Alistair Perceval-Maxwell u lil Alberta magħrufa bħala Bertha armla ta' Mario Caruana Dingli bħala werrieta universali li għadhom it-tnejn ħajjin.

(iv) Thomas Anastasi Pace – miet fit-22 ta' Novembru 2010 u skont testment tad-19 ta' Lulju 2001 atti Nutar Mario Rosario Bonello huwa ħalla eredi lil oħtu Theresa magħrufa bħala Tessa Farrugia bi dritt tal-akrexximent u sostituzzjoni volgari. Huwa għamel testment ieħor fl-Ingilterra għar-rigward assi oħra iżda mhux immobbli f'Malta.

(iva) Theresa magħrufa bħala Tessa Farrugia

Hija mietet intestata u żewġha l-Perit Joseph Farrugia miet qabilha u werrieta tagħha għalhekk huma l-erba ulied tagħha Ġillian Vella, Monica Depasquale, Anne Cachia u Louise Calleja kwantu għal kwart indiviż kull wieħed. Huma kollha għadhom ħajjin.

Theresa k/a Tessa Farrugia mietet fil-15 ta' April 2017 u għalhekk uliedha Ġillian Vella, Monica Depasquale, Anne Cachia u Louise Calleja wirtu lilha u lil Thomas Anastasi Pace.

(v) Thomas Le Vierge, - Huwa ħalla bħala werrieta lil uliedu Elizabeth Le Vierge u Anne Louise Keeley li għadhom hajjin.

(vi) Father Peter Le Vierge, - Huwa ħalla kollox lil oħtu Celine Le Vierge. Hu kien qassis.

(vii) Olga Le Vierge – Hija ħalliet kollox lil oħtha Celine Le Vierge . Tfal ma kellhiex u lanqas kienet miżżewġa.

(viii) Celine Le Vierge – Hija ħalliet kollox lil Missionary Society of St Paul tar-Rabat Malta. Tfal ma kellhiex u lanqas ma kienet miżżewġa. Sehemha kien ta' terz indiviż.

9. L-atturi interpellaw lill-konvenut sabiex jersaq għar-rexissjoni tal-imsemmi kuntratt tat-28 ta' Ġunju 1988 atti Nutar Tonio Spiteri iżda baqa inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-art akkwistata mill-konvenuti permezz tal-kuntratt tat-28 ta' Ġunju 1988 atti Nutar Tonio Spiteri tappartjeni lill-atturi qua sidien in kwantu għal żewġ terzi indiviżi u li l-konvenut Direttur Uffiċċju Konġunt huwa sid tat-terzi indiviż l-ieħor ta' art denomanta Ta' Sardegna fil-kontrada Tas-Silġ limiti ta' Marsaxlokk ġia fil-limiti taż-Żejtun libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha liema porzjoni diviża ta' art kellha l-kejl superfiċjali ta' ċirca żewġt itmiem żewġ siegħan u żewġ kejliet kienet tikkonfina mit-tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Ġiorġina Adami u Fortunata Azzopardi, mill-punent ma' beni ta' Antonio Desira u min-nofsinhar mat-triq li minn Marsaxlokk twassal għat-triq taż-Żejtun/Delimara.

2. Tiddikjara null u bla effett fil-liġi l-kuntratt tat-28 ta' Ġunju 1988 atti Nutar Tonio Spiteri li permezz tiegħu l-konvenuti akwistaw l-porzjoni ta' art hawn fuq imsemmija;

3. Tiddikjara lill-konvenuti Sammut jew min minnhom, unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi minħabba l-użurpazzjoni tal-proprjeta` tagħhom u kif ukoll in

konsegwenza tax-xogħlijiet abbużivi u illegali li setgħu saru fl-istess proprjeta` tal-atturi;

4. Tillikwida permezz ta' perit minnha maħtur, id-danni sofferti mill-atturi bħala riżultat;

5. Tikkundanna lill-istess konvenuti nomine, jew lil min minnhom, sabiex iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

6. Tikkundanna lill-istess konvenuti nomine, jew lil min minnhom, sabiex, fiż-żmien qasir u perentorju minnha ffissat, jiżgumbraw mill-art appartnenti lill-atturi, ineħħu minn fuqha l-benefikati li l-istess konvenuti nomine għamlu abbużivament u jirreintegraw lill-atturi fil-pussess sħiħ tal-istess beni; u

7. Tiffissa, prevja n-nomina ta' nutar u kuraturi għall-eventwali kontumaċi, il-jum, il-ħin u l-post għall-pubblikazzjoni tal-atti notarili relattivi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju 2017.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Francis u May konjuġi Sammut li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Fl-ewwel lok, għall-integrita` tal-eventwali ġudizzju għandu jingħad illi isem l-esponenti huwa 'Francis sive Frank Sammut' u mhux kif indikat fir-rikors promutur u fl-okkju tal-kawża odjerna.

2. Fit-tieni lok, l-atturi kollha ndikati fir-rikors promutur jridu jġibu prova tat-titolu minnhom vantat fuq il-proprjeta` mertu tal-kawża odjerna, u dan fil-grad rikjest mil-liġi, kif ukoll kull attur irid ukoll iġib prova tas-sehem rispettiv tiegħu fuq l-immsemmija proprjeta`.

3. Fit-tielet 1ok, mingħajr preġudizzju għas-suesèepit, il-proprjeta` reklamata mir-rikonenti ġiet akkwistata legalment mill-esponenti, b'titolu tajjeb u b'bona fidi, permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Tonio Spiteri, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-

sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988), (esebit mill-atturi u mmarkat Dok AC (iii)).

4. Għalhekk fir-raba' lok, isegwi illi, mingħajr preġudizzju għat-tieni risposta, il-proprjeta` reklamata mir-rikorrenti, hija proprjeta` tal-esponenti, u dan permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ai termini tal-Artikolu 2140 subinċiż (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Fil-ħames lok, it-tielet (3) talba attriċi hija preskritta ai tennini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Fis-sitt lok, u bla preġudizzju għall-ħames (5) risposta, l-esponenti ma kkaġunaw l-ebda danni lill-atturi, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

7. Fis-seba' lok, bid-dovut rispett, il-kwistjoni tal-mandat sollevata rnill-atturi fis-seba' (7) premessa tar-rikors promutur, ma għandha timpinġi bl-ebda mod fuq il-validita' tal-att impunjat fl-azzjoni odjerna, purche` titratta kwistjoni li hija *res inter alios acta*.

8. Fit-tmien lok, l-azzjoni attriċi hija nfondata kemm il-fatt u kif ukoll fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur Ġenerali Uffiċċju Konġunt li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament, l-eċċipjenti Direttur Ġenerali għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi huwa komproprjetarju indiviż.

2 Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti jiddikjara illi jaqbel mal-premessi u t-talbiet attriċi in kwantu hu komproprjeta` tal-art mertu tal-kawża de quo fis-sehem indikat;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti jiddikjara illi jaqbel mal-premessi u t-talbiet attriċi in kwantu jirriżulta li hemm okkupazzjoni bla titolu fl-art mertu tal-kawża odjerna;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-titolu tal-eċċipjenti Direttur Ġenerali fuq it-terż indiviż tiegħu huwa definittiv, li kontra tiegħu ma jista' jiddekorri ebda terminu preskrittiv;

5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti ma għandux jiġi kkundannat iħallas ebda spejjeż għal din il-kawża inkluż tiegħu;

Rat is-sentenza tagħha in parte tat-30 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Uffiċċju Konġunt.

Rat l-atti l-oħrajn kollha tal-kawża.

Rat li l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza dwar ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konjuġi Sammut.

Ikkunsidrat:

**Il-fatti fil-qosor:**

Din hija azzjoni rivendikatorja dwar porzjon art fi Triq tas-Silġ Marsaxlokk li l-konjuġi Sammut akkwistaw permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Tonio Spiteri fit-28 ta' Ġunju 1988. L-art tmiss mar-residenza ta' Frank Sammut u beda jħammilha sabiex ikabbar il-ġnien tiegħu. Kif għamel hekk, il-bidwi, ċertu Consiglio Carabott, li kien jaħdimha u jħallas il-qbiela lill-Dottor Peter Xuereb, informa lill-istess Xuereb li kkuntattja lil Sammut u qallu li l-art kienet tiegħu u oħrajn werrieta ta' Ineż Galea. Fit-2 ta' Marzu 1989 saret skrittura privata bejn Frank Sammut, Dottor Peter Xuereb, u Carmelo Delia għan-nom tal-familja Cassar Desain (li kienet biegħet lil Sammut) li permezz tagħha, saret riferenza għall-pretenzjoni ta' Dottor Xuereb u nkarigaw lin-Nutar Tonio Spiteri biex jagħmel ir-riċerki sabiex jistabbilixxi jekk l-art kinitx tassew tal-wirt ta' Ineż Galea; f'liema każ il-kuntratt tat-28 ta' Ġunju

1988 jiġi rexxis u Dottor Xuereb ibiegħha lil Sammut. L-iskrittura ġiet imġedda erba' darbiet san-1997. Fil-5 t'Ottubru 1990 Sammut ħallas Lm50 benefikat lil Consiglio Carabott. Ir-rexxissjoni qatt ma saret. Fis-sena 2017 werrieta oħrajn ta' Ineż Galea indunaw li l-art kienet imdawra b'ħajt u kitbu lill-konjuġi Sammut. Skont l-affidavit ta' waħda minn dawn il-werrieta, il-Perit Rosanne Micallef, mhux kontradetta, il-konjuġi Sammut "l-ewwel riedu jixtruha u tajniehom prezz iżda wara qalulna li reġa' bdielhom". L-atturi intimaw lill-konvenuti li l-art kienet tagħhom, u talbuhom jiżgumbraw minnha, permezz ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju 2017.[1]

**Kunsiderazzjonijiet legali:**

Ir-rekwiżiti tal-preskrizzjoni akkwiżittiva [deċennali] huma:

(a) titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjeta.`

(b) il-pussess tal-ħaġa kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku għal għaxar snin.

(ċ) il-bona fide tal-pussessur .[2]

***Xi tfisser bona fidi.***

Il-bona fidi tikkonsisti fl-opinjoni ġusta *quaesiti dominii*; u fix-xerrej din l-opinjoni titqies ġusta meta *ipse ignoravit eam rem alienam esse, aut putavit eum qui vendidit ius vendendi habere.*[3] L-għarfien li l-ħaġa hi ta' ħaddieħor tneħħilu l-kundizzjoni morali li tiffavorixxi l-pussessur fuq is-

[1] Fol 520
[2] Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza Ray Camilleri v. Aldo Farrugia et datata 27 ta' Jannar 2011.
[3] I.109,ff. Dig. *de verb. signif.*).

sid, li l-uniku nuqqas tiegħu jkun li ttraskura l-eżerċizzju tad-dritt tiegħu. F'każ bħal dan l-użukapjoni ma tiswiex biex tikkonverti l-pussess f'dominju leġittimu.

Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet tnissel il-preċett tad-dritt kanoniku li *generaliter est constitutioni atque consuetudini derogandum quae absque mortali peccato non potest observari. Unde oportet ut qui praescribit in nulla temporis parte rei habeat coscientiam alienae.*[4] Skont id-dritt Ruman u dak Kanoniku, il-bona fidi tajba biex tippreskrivi, trid tkun tali li teskludi x-xjenza li l-ħaġa hi ta' ħaddieħor matul il-perjodu kollu tal-preskrizzjoni.

Il-**Pothier** jiddefinixxi l-bona fede b'dawn il-kliem: "La giusta opinione del possessore di aver acquistato la proprieta` della cosa che possiede"[5]

Il-**Voet** jasserixxi li: "il possessore deve avere la ferma fiducia di essere proprietario della cosa" .[6]

Il-**Qorti tal-Appell** tagħna tgħallem li: "huwa possessur ta' bona fide min, ghal motivi verosimili, jemmen li l-haga li jipposjedi hija tieghu u li, invece, huwa possessur ta' mala fidi min jaf jew, fic-cirkostanzi, ghandu jipprezumi li dik il-haga mhix tieghu. [artikolu 568 (illum 531) tal-Kodici Civili]; [7]"Il-bona fede tirrappreżenta dak l-istat ta' animu tal-possessur, il-koxjenza u l-intima konvinzjoni tiegħu li l-ħaġa li jippossjedi hi tiegħu (art. 568 (art 531(1)Kod Civ): *cum crediderit cum dominum esse".*

Jinghad ukoll li din il-fehma trid titqies minn kif ic-cirkostanzi kienu jidhru f`ghajnejn il-persuna li teccepixxi favuriha l-preskrizzjoni

[4] cap. 20, Decretal. Gregor. *de praescript.*
[5] (Prescriz No. 28)

[6] [XLI.III.6].
[7] Fil-kawza deciza fil-21 ta' Jannar 1977 mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri fil-kawza fl-ismijiet Ganna Grima vs Giuseppe Camilleri

akkwizittiva.

***Jekk id-dubju jeskudix il-bona fidi.***

Kemm fid-Dritt Ruman kif ukoll fil-liġi Kanonika, id-dubju jeskludi l-bona fede: *Si ex decem servis, quos emerim, aliquos putem alienos, et qui sint, sciam, reliquos usucapiam; quodsi ignorem qui sint alieni, neminem usucapere possum.*[8] Din id-dottrina tad-dritt Ruman hija mfissra b'dan il-mod fid-dritt Kanoniku: *Ideoque non satis est bona opinione esse nisi fides adsit, hoc est rei tamquam exploratae fiducia, nam in dubiis certa fides esse non potest.*[9]

Il-**Laurent** ukoll jgħallem li l-possessur għandu jkollu dik iċ-ċertezza u jekk ikollu xi dubju, tkun teżisti fih l-inċertezza u konsegwentement tispiċċa l-bona fede fis-sens tal-liġi".[10]

Fl-istess sens hija l-ġurisprudenza tagħna.[11]

***Bona fede trid tkun tul perjodu preskrittiv kollu:***

Skont il-**Kodiċi Ċivili Taljan, Art. 1159,** "*Colui che acquista in buona fede da chi non e` proprietario un immobile, in forza di un titolo che sia idoneo a trasferire la proprieta`e che sia stato debitamente trascritto, ne*

[8] I.6,§1, ff. Dig. *pro emptore*.
[9] L.3, cap.153.
[10] **Laurent,** Diritto Civile, vol VI para 208.
[11] **Borg v Zammit** XXXIX.i.139 28.03.1955 Appell Civili. Iċċitata minn **Kanonku Dun Giuseppe Zammit v Carmela Bonello** 19.01.1983 appell Civili iċċitata fl-Alfabett, voce Preskrizzjoni paġna 263. F'din l-aħħar kawża, il-konvenuta qalet "meta ftaħna u sibna kantina u l-armarju kif semmejt, aħna ma tajniex każ għax la ma kellimna ħadd aħna **ma konniex nafu ta' min hi".** Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell, dan kien biżżejjed biex jiskossa serjament il-bona fede tal-konvenuta; **Paul Bonello v Ramel u Zrar Ltd** 30.11.2015 Prim'Awla (JZM) (appellata u deċiża fl-appell b'xi tibdil); **Luigi Pace Balzan v Giovanni Pace Balzan** 05.10.1886 XI.162 Prim'Awla; **Francesco Abela v Rev. Giovanni Dedomenico** 19.11.1935 XXIX.ii.778.

*compie l'usucapione a suo favore col decorso di dieci anni dalla data della trascrizione*". Disposizzjoni simili kienet teżisti fl-ewwel kodiċi ċivili Taljan; fis-sens li biżżejjed il-bona fede fid-data tal-akkwist. Il-leġislatur tagħna ħa linja differenti billi segwa l-liġi Kanonika u għamilha ċara li l-bona fede trid tissussisti tul il-perjodu preskrittiv kollu: "Skont il-Kodiċi Patriju (art 2246 Kap 23 (art. 2140 Kap 16), li segwa d-Dritt Kanoniku in propożitu (Cap. Quoniam 20 *de praescrip*.), riformanti f'dan ir-rigward id-Dritt Ruman, dan l-istat ta' animu tal-bwona fede fil-possessur għandu jissussisti matul id-deċennju kollu, mill-bidu sat-tmiem tiegħu".[12] Fin-notamenti tiegħu, **Sir Adrian Dingli**, dwar Art. 1904 tal-Ordinanza (Art. 2140 tal-lum) jgħid "*possiede* invece di *acquista" –* min jippossjedi in bona fede, mhux min jakkwista in bona fede. Artiklu 2141 jissokta jgħid, biex ineħħi kull ekwivoku, li "**Mhux biżżejjed li jkun hemm il-bona fidi fiż-żmien tal-akkwist, iżda jeħtieġ li dina tissokta għaż-żmien kollu meħtieġ għall-preskrizzjoni".** Interessanti li l-imsemmi *conditor* jgħid hekk fin-notament tiegħu għall-Art. 1905 (Art. 2141 tal-lum): "*P. e T. conc. Troplong 936. Contra D.R., Miglietti e Cassinis e Oland. Se una interpellazione interrompe perche`induce la mala fede, deve bastare ogni altra cosa che induca la mala fede. La ignoranza del proprietario non deve giovare al possessore di mala fede*".

***Il-bona fede hi preżunta:***

Fid-**Dritt Ruman**, fil-**liġi Kanonika** kif ukoll fil-**kodiċijiet moderni**, il-bona fidi hija dejjem preżunta, u min jallega l-mala fede jrid jipprovuha.[13]

---

[12] Antonio Borg v Giuseppe Zammit 28.03.1955 Appell Civili; Ester Degabriele et vs Joseph Rocco Appell Civili deciz fis-26 ta` Frar 1965, Vol XLIX.i.238.

[13] Penult., Cod. *de evict.;* I.51,ff., Dig. *Pro socio*; Corte d'Appello di Perugia 04.07.1878 Parenzi v

"*Incombe su ci contesta la dedotta usucapione abbreviate dare la dimostrazione della mala fede. La buona fede si presume iuris tantum. Per il superamento della presunzione non e` sufficiente l'allegazione di un mero sospetto di una situazione illegittima, ma il dubbio deve risultare comprovato da circostanze serie, concrete e non meramente ipotetiche*.[14]

Il-**Laurent** jgħid a propożitu: "*Comment se prouve la bonne foi? L'article 2268 dispose che la bonne foi est toujours presume; d'ou`suit que c'est a`celui qui allegue la mauvaise foi de la prouver".* [15] Għalhekk il-bona fidi hija preżunta u tibqa` teżisti sakemm ma ssirx prova kuntrarja. Infatti l-artikolu **532 tal-Kap. 16** jghid hekk: "**Għandu dejjem jingħad li wieħed huwa bona fidi, u min jeċċepixxi l-mala fidi għandu jippruvaha**".[16]

Ikkunsidrat:

**Applikazzjoni tal-prinċipji legali għall-fatti:**

Huwa paċifiku li Sammut akkwista b'titlu tajjeb u lanqas li kellu l-pussess tal-art in kontestazzjoni minn meta xtara fin-1988 sal-lum. Il-kontestazzjoni qiegħda dwar jekk kellux bona fede jew le. Jirriżulta iżda li kellu dubju serju dwar jekk xtarax tajjeb jew le, tant li ffirma l-iskrittura fuq imsemmija u qabbad lin-Nutar jagħmel ir-riċerki. L-iskrittura baqgħet tiġġedded sas-sena 1997 u ċjoe` disa' snin sħaħ wara l-

---

Marignoli iċċitata fid-Digesto Italiano, Prescrizione Acquisitiva, Vol XIX Parte 1 para. 33 paġni 655 u 656:

[14] Katia Mascia, L'Usucapione, Kapitlu LIII fl-opra diretta minn Renato Clarizia, Proprieta` e Diritti Reali 2016 paġna 2094

[15] Laurent, Principes de Droit Civil (Bruxelles 1878) vol 32 para 414, page 440

16 Maurice Portelli noe vs Mary Abela et, Cit Nru: 575/1996LFS deciza fit-8 ta` Frar, 2012; Tabib John Cassar v Olivier Ruggier Prim'Awla (LFS) 03.12.2007; Ganna Grima vs Giuseppe Camilleri deciza fil-21 ta' Jannar 1977 mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri.

kuntratt tax-xiri. Sammut huwa kompletament sieket dwar ir-raġuni l-għala kien hemm dan id-dewmien, li huwa indizju li n-Nutar sab diffikulta` dwar il-provenjenza. Sammut ma xehedx li n-Nutar serraħlu rasu u dan huwa wkoll indizju fl-aħjar ipoteżi baqa' inċert jekk l-art hix tiegħu jew le. L-inċertezza kompla juriha fit-2017 meta ġie avviċinat mill-atturi u offra li jixtri mingħandhom l-art ikkontestata.

Abbażi tal-prinċipji legali suesposti, ma jirriżultax li Sammut kien in bona fede. Għalhekk ma jirriżultax li kien hemm użukapjoni skont l-Art. 2140 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-atturi; u l-istess jgħodd fil-konfront tal-Uffiċċju Konġunt.

L-Artiklu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, li jitratta ħsarat *ex delicto* li ma jkunux ikkawżati b'reat, kjarament ma jinkwadrax fil-fattispeċje ta' dan il-każ.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuti Sammut.

Spejjeż a kariku tagħhom.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA